# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 282/2014 SM**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-numru**
**371/14 fl-ismijiet:**

***PF Steel Limited***
**(C – 45128)**

**vs.**

**Lara Agius u Gordon Agius**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat l-4 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti odjerni Agius sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi jopponu l-ezekuzzjoni tal-kambjali hemm indikati *stante* li t-talba tas-socjeta` *PF Steel Limited* hi infondata;

1.2. Illi l-ebda somma m'hi dovuta mir-rikorrenti Agius lis-socjeta` fuq indikata *stante* tpacija *ai termini* tal-artiklu 1196 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.3. Illi r-rikorrenti Agius kienu involuti f'negozju li fih kienu involuti maghhom Paul Falzon ghas-socjeta` intimata odjerna, u certu Norman Dimech, rigwardanti xiri ta' dghajsa;

1.4. Illi bi ftehim milhuq wara tali negozju, gie pattwit li l-imsemmi Paul Falzon kellu, tramite is-socjeta` *PF Steel Limited*, jissupplixxi lill-konjugi Agius b'hadid ghall-uzu fil-kostruzzjoni hemm indikata;

1.5. Illi skont ir-rikorrenti l-fornituri tal-hadid in dizamina twaqqfu qabel ma l-konjugi Agius thallsu l-ammont pattwit;

1.6. Illi ghalkemm gew iffirmati kambjali, l-partijiet ftehmu li effettivament l-ammonti involuti jigu pacuti;

1.7. Illi konsegwentement it-talba tas-socjeta` hawn intimata *PF Steel Limited* kif dedotta fl-ittra ufficjali fuq riferita, hi ghal kollox infondata;

1.8. Illi l-firma tar-rikorrenti Lara Agius fuq l-istess kambjali kienet ottenuta bi vjolenza morali u ghalhekk il-kunsens hekk karpit hu wiehed li effettivament hu ivvizzjat;

1.9. Illi l-kambjali gew iffirmati fl-istess hin nonostante li juru erba` (4) dati differenti;

1.10. Illi l-kambjali m'humiex rizultat ta' ftehim bejn il-partijiet;

1.11. Illi l-intiza bejn il-kontendenti kienet biss li tigi effettwata tpacija;

1.12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti odjerni jsostnu li l-kambjali huma nulli;

1.13. Illi in vista tal-premess aderew din il-qorti biex ghar-ragunijiet sintetikament fuq esposti din il-qorti:

1.13.1. Tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali *de quo ai termini* tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.0. Rat ir-risposta datata l-5 ta’ Mejju, 2014, li permezz taghha s-socjeta` hawn intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti Agius huma infondati;

2.2. Illi l-eccezzjoni tat-tpacija minnhom hemm sollevata hi guridikament ineffettiva biex twaqqaf l-esekuzzjoni tal-kambjali *de quo*;

2.3. Illi mhux minnu li l-hlasijiet allegati mir-rikorrenti odjerni saru bi tpacija ghall-konsenji tal-hadid *de quo*;

2.4. Illi in effetti l-ftehim sar billi gew iffirmati kambjali mir-rikorrenti favur is-socjeta` intimata bhala pagament ghal kull konsenja ta’ hadid lilhom fornita;

2.5. Illi l-allegazzjoni ta’ tpacija sollevata mill-intimati tirrikjedi azzjoni appozita u mhux azzjoni kambjarja;

2.6. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta` intimata fil-kambjali jeccedi l-ammont allegatament pacut;

2.7. Illi r-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-allegata vjolenza fizika jew morali;

2.8. Illi in effetti kien ir-rikorrenti Gordon Agius li hedded lil Paul Falzon rapprezentant tas-socjeta` intimata;

2.9. Illi fir-rigward tal-lanjanzi tar-rikorrenti fil-konfront tal-ittra ufficjali in meritu jinghad sintetikament is-segwenti:

2.9.1. Illi l-eccezzjoni sollevata fir-rigward hi dilatorja u kien messa tqajmet *in limine litis*;

2.9.2. Illi mhux permess li jsiru talbiet agguntivi li jolqtu fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu;

2.9.3. Illi l-ittra ufficjali in dizamina tkkontjeni wkoll twissija cara skont il-ligi;

2.10. Illi r-rikorrenti m'humiex jallegaw li sofrew xi pregudizzju;

2.11. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat id-digriet taghha datat it-3 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 48);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti odjerni datata s-16 ta' Frar, 2016, (ara foll 51), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata l-14 ta' Marzu, 2016, (ara foll 56);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-procedura in dizamina tista` tigi sintetikament elenkata bil-mod segwenti;

8.1. Illi r-rikorrenti intavolaw il-procedura odjerna bl-iskop li jistiednu lill-qorti biex *ai termini* tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi l-esekuzzjoni ta' numru ta' kambjali komplessivament ammontanti ghal tnejn u tletin elf, seba` mija u erbgha u tmenin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€32,784.27), (ara foll 29);

8.2. Illi l-istess rikorrenti jsostnu li l-ebda somma m'hi minnhom dovuta lis-socjeta` intimata ghaliex saret tpacija bejniethom *ai termini* tal-artiklu 1196 tal-Kap 16 tal-istess Ligijiet ta' Malta *stante* li l-kambjali in dizamina gew iffirmati bi vjolenza u b'intimidazzjoni fuq l-intimata Lara Agius minn Paul Falzon tas-socjeta` intimata;

8.3. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti, b'zieda unilaterali mar-rikors promotur taghhom, jissottomettu n-nullita` tal-ittra ufficjali numru 371/2014 *stante* li karenti mill-intimazzjoni hemm normalment inkluza;

8.4. Illi l-ittra ufficjali *de quo*, datata s-6 ta' Frar, 2014, tirrendi l-kambjali fuq riferiti ezegwibbli;

8.5. Illi l-konnessjoni bejn il-kontendenti originat meta r-rikorrenti Gordon Agius u Paul Falzon tas-socjeta` intimata ppjanaw li jixtru dghajsa minghand Norman Dimech, (ara foll 31);

8.6. Illi r-rikorrenti jsostnu li lejn l-ahhar tal-2008 hallsu lill-imsemmi Norman Dimech ghan-nom ta' Paul Falzon ghad-dghajsa mixtrija mill-imsemmi Falzon billi:

8.6.1. Hallsu lil Dimech is-somma ta' €2,788.14; u

8.6.2. Taw lil Dimech zewg (2) magni ta' dghajsa ohra li kellhom valur komplessiv ta' €18,634.99;

8.7. Illi l-ammont komplessiv ta' €21,423.13 indikat fil-paragrafu precedenti kellu jigi pacut mis-somma li Paul Falzon jaghti lil Norman Dimech, (ara foll 32);

8.8. Illi l-imsemmi Falzon:

8.8.1. Zamm id-dghajsa fuq ismu; u

8.8.2. Qatt ma hallas lura l-ispejjez li r-rikorrenti ghamlu ghax-xiri tad-dghajsa;

8.9. Illi skont ir-rikorrenti Agius sar ftehim ta' tpacija bejn ir-rikorrenti u Falzon li permezz tieghu s-socjeta` intimata kellha tissupplihom bi kwantitajiet ta' hadid, (ara foll 18, 19, 31 u 32);

8.10. Illi r-rikorrenti jaffermaw li s-socjeta` intimata issuppliet il-hadid kif pattwit izda meta l-ammont ta' hadid hekk supplit lahaq l-ammont ta' €21,300.80, din ma baqghetx tissupplixxi hadid aktar lir-rikorrenti, (ara foll 52);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi min-naha tieghu Paul Falzon ghas-socjeta` intimata jsostni sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi ma kien hemm l-ebda ftehim ta' tpacija bejn il-kontendenti, (ara paragrafu numru sitta, (6.), a foll 37);

9.2. Illi r-relazzjoni li kienet tezisti bejn il-kontendenti kienet tirrigwarda konsenji ta' hadid ghal xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprjeta` taghhom f'Bahar ic-Caghaq, (ara foll 37);

9.3. Illi l-hlas dovut mir-rikorrenti ghall-istess baqa` ma giex effettwat, (ara foll 37);

9.4. Illi kien ghalhekk li s-socjeta` intimata harget il-kambjali in dizamina li gew debitament iffirmati mir-rikorrenti Agius, (ara foll 28 u 37);

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fir-rigward tal-kambjali *de quo* r-rikorrenti jsostnu sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi l-firma tar-rikorrenti Lara Agius giet karpita bi vjolenza morali, (ara foll 33);

10.2. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jallegaw li l-kunsens ghall-istess kambjali hu ivvizzjat;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi f'dan ir-rigward tal-allegat vizzju tal-kunsens, l-istess Falzon ghas-socjeta` intimata sintetikament isosstni s-segwenti:

11.1. Illi jichad l-allegazzjoni tar-rikorrenti bil-qawwa, (ara foll 37);

11.2. Illi jsosstni li Lara Agius, wahda mir-rikorrenti odjerni, ffirmat il-kambjali volontarjament, wara li kienet hi stess li cemplet biex l-istess Falzon imur fejn hi kienet tahdem biex tiffirma l-istess kambjali halli is-socjeta` intimata tibqa` tfornihom bil-hadid kif pattwit, (ara foll 37);

11.3. Illi bil-maqlub, kien Falzon li jsostni li kien il-vittma ta' vjolenza morali mill-intimat Gordon Agius, (ara foll 24 u 38);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi epurat is-suespost, tigi issa indirizzata l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti rigwardanti l-ittra ufficjali in dizamina u f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi l-kwistjoni tal-ittra ufficjali ma kienitx sollevata mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom;

12.2. Illi *di piu`* ghandu jkun pacifiku li l-fatt li ittra ufficjali ma jkolliex l-intimazzjoni indikata mir-rikorrenti ma tirreka l-ebda pregudizzju lil dak li ghalih tali ittra ufficjali tkun indirizzata, *molto piu`*, meta jirrizulta li l-istess rikorrenti intavolaw proceduri specjali biex jattakkaw l-ezegwibilita` tal-kambjali;

12.3. Illi jirrizulta wkoll li ghalkemm l-ittra ufficjali *de quo* ma kelliex it-twissija rikjesta, jirrizulta assodat li l-istess ittra kellha referenza cara u specifika ghall-artikli 253(e) u 256(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 26);

Ikkunsidrat:

13.0. **Illi rigward il-mertu in dizamina koncernanti l-kambjali in kwistjoni, jinghad sintetikament is-segwenti:**

13.1. Illi *ai termini* tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 fuq riferit, il-kambjali jew *"promissory notes"* huma titoli esekuttivi sakemm il-qorti kompetenti, b'digriet appozitu li ma jkunx appellabbli, ma tissosspendix *in parte* jew *in toto* l-esekuzzjoni tal-istess, wara rikors appozitu intavolat fit-terminu u ghar-ragunijiet hemm ukoll indikat;

13.2. Illi fin-nuqqas tal-istess intervent gudizzjarju indikat fil-paragrafu precedenti il-possessur tal-kambjali jkun jista` jenforzhom fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

13.3. Illi biex wiehed jikkontesta kambjala ghandu jipprocedi biss skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, (Sub-Titolu l-Fuq il-Kambjali);

Ikkunsidrat:

14. **Illi ghandu jkun pacifiku li l-procedura odjerna hi wahda ta' natura preliminari limitata ghal stharrig u verifika;**

15. Illi f'dan ir-rigward, il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili**, fil-kawza fl-ismijiet **Daniel Borg vs. Mark Casha**, datata z-**17 ta' Gunju, 2015**, irriteniet is-segwenti:

> "jinghad illi l-ligi fl-artiklu 253(e) tal-Kap 12 ma tispecifikax x'jistghu jkunu "ragunijiet ohra gravi u validi" u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legizlatur izda intenzjonalment, ghax il-legizlatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-qorti f'liema kazijiet ghandha tilqa` t-talba jew le *ai termini* tal-istess disposizzjoni";

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tal-premess l-istedina tar-rikorrenti li l-qorti tistharreg il-mertu tal-obbligazzjoni li fiha tnisslu l-kambjali in dizamina mhiex talba legittima *stante* li tali stharrig mhux kompitu ta' din il-qorti fi proceduri bhal din odjerna;

17. Illi dak rikjest mill-qorti hu li din ghandha biss tezamina jekk hemmx ragunijiet serji bizzejjed biex tissosspendi l-esekuzzjoni tal-kambjala in dizamina;

18.0. Illi r-rikorrenti jargumentaw li huma m'ghandhom jaghtu l-ebda somma lis-socjeta` intimata *stante*:
18.1. Illi kienet saret tpacija; u

18.2. Illi l-kambjala kienet giet ottenuta bi vjolenza morali fuq ir-rikorrenti Lara Agius;

Ikkunsidrat:

19. Illi fis-sentenza gia` fuq citata, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel), l-istess sentenza tkompli tghid is-segwenti:

> "Illi l-qorti tifhem li l-procedura li ddahhlet fil-Kodici ta' Procedura Civili f'dan ir-rigward kienet mahsuba biex taghti rimedju lil min ikun intalab li jhallas kambjala jew *promissory note* mahruga skont il-Kodici tal-Kummerc u jkun hemm raguni tajba biex izomm l-ezekutivita` taghha jew il-hlas mitlub. Min-naha l-ohra, wiehed irid izomm f'mohhu li din il-procedura tirreferi ghal titoli ezekutivi u t-tifsira ghall-eccezzjoni kontra l-ezekutivita` tal-istess titoli ma tridx tkun wahda wieghsa li ggib fix-xejn l-effetti ta' titoli bhal dawn. Huwa ghalhekk li l-ligi ssemmi ragunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-ezekutivita` taghhom, fejn dan jithalla jsir. It-twaqqif tal-ezekuzzjoni ma jridx jithallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raguni ghat-thassir taghha, liema ezercizzju ma jsirx taht il-procedura mahsuba fl-artiklu 253(e) tal-Kapitolu 12, izda b'kawza mressqa bil-mod ordinarju ghal dak il-ghan";

Ikkunsidrat:

20.0. **Illi rigward l-allegata tpacija vantata mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:**

20.1. Illi r-rikorrenti ma intavolaw l-ebda ftehim fir-rigward;

20.2. Illi l-inkluzjoni tad-difiza tat-tpacija sollevat mir-rikorrenti fil-procedura in dizamina koncernanti l-ittra ufficjali *de quo*, hi ghal kollox irrilevanti;

20.3. Illi r-rikorrenti qed jitolbu lill-qorti tistharreg l-obbligazzjonijiet li eventwalment taw l-origini ghall-kambjali in dizamina;

20.4. Illi in effetti, tali analisi mhux permissibbli li jsir fi procedura bhal dik in dizamina li hi intiza biss biex jigi individwat rimedju biex tinzamm l-ezekutivita` tal-kambjali skont l-artiklu 253(e) tal-Kap 12 fuq riferit;

20.5. Illi tali mertu ma jistax ghalhekk jigi epurat fi procedura bhal dik odjerna izda jista` jigi biss ezaminat min qorti f'kawza appozita intavolata esklussivament ghal dak il-ghan;

Ikkunsidrat:

21.0. **Illi rigward l-allegata vjolenza morali li setghet giet uzata fuq ir-rikorrenti Agius jinghad sintetikament is-segwenti:**

21.1. Illi kemm il-darba tali allegazzjoni tkun debitament ippruvata, tali vjolenza ghandha titqies li hi raguni gravi bizzejjed biex jiskatta l-operat tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 fuq gia` riferit;

21.2. Illi ovvjament, l-oneru tal-prova ta' tali vjolenza tispetta lir-rikorrenti li rrikjamawha;

21.3. Illi jirrizulta pacifiku pero` li minn analizi tal-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-prova tal-vjolenza morali ezercitata fuq ir-rikorrenti Agius minn Paul Falzon ma tirrizultax li giet debitament ipprovata skont il-ligi;

21.4. Illi hu minnhu li r-rikorrenti Agius tghid fix-xhieda taghha li l-istess Falzon "... beda jghajjat mieghi u jidghi u jgeghlni bilfors niffirma ghaliex beda jheddidni li ha jibqa` jigri warajja bil-karozza sakem niffirma", (ara foll 33);

21.5. Illi pero` l-istess episodju hu konfutat minn Paul Falzon fix-xhieda tieghu li jghid minflok li: "... kienet hi stess li cemplitli u harget mid-Dipartiment tal-VAT", (ara foll 42);

21.6. Illi *di piu`*, ghalkemm ir-rikorrenti ssosstni li "...dak il-mument kien hemm nies ohra hiergin mill-ufficju ...", pero` hadd ma jirrizulta li tressaq biex jixhed biex jikkorrabora l-allegazzjoni tal-istess, (ara foll 34);

21.7. Illi ghalhekk, ghalkemm ir-rikorrenti jallegaw l-uzu tal-vjolenza fuq Lara Agius, din l-allegazzjoni ma tirrizultax li giet ippruvata skont il-ligi;

21.8. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-kunsens ta' Lara Agius giet karpita bi vjolenza qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess, *molto piu`* meta l-procedura odjerna hi wahda limitata ghal analizi preliminari ta' **stharrig u verifika**, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma pprovawx it-talbiet taghhom u konsegwentement:

**DECIDE:**

22.1. Tiddikjara li *prima facie* ma jirrizultawx ir-ragunijiet gravi u validi bizzejjed biex issir l-opposizzjoni mitluba mir-rikorrenti *ai termini* tal-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ezekuzzjoni immedjata tal-kambjali in dizamina;

22.2. Tiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali *de quo* huma infondati;

22.3. Tiddikjara ghalhekk li l-esekuzzjoni tal-kambjali *de quo* m'ghandiex tigi sospiza;

22.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Lara u Gordon konjugi Agius.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**